MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 120/2011

**Matthew Scicluna**

**Vs**

**Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra li fil-25 ta' Novembru 2009 Matthew Scicluna appella quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Trasport, liema appell in segwitu gie trasferit quddiem dan it-Tribunal, mid-decizjoni ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta komunikata lilu b'ittra datata 3 ta' Novembru 2009;

Ra d-decizjoni ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta komunikata lil Matthew Scicluna b' ittra datata 3 ta' Novembru 2009, a fol. 5 tal-process;

Ra n-Nota spjegattiva pprezentata minn Matthew Scicluna fl-4 ta' Mejju 2011 li biha jispjega l-aggravji fuq liema

jibbaza l-appell tieghu mid-decizjoni ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta u cioè li: (i) huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta stante li l-licenza ghall-VRT hija mahruga f'isem Techno Garage Limited u mhux f'ismu personali; (ii) jehtieg issir korrezzjoni f'kunjom it-tester imsemmi fid-decizjoni ta' l-Awtorità stante li dan huwa Charlo Farrugia u mhux Charlo Micallef; (iii) it-test li sar fis-27 ta' Ottubru 2009 sar fuq insistenza kbira mill-ufficjali ta' l-Awtorità u dana meta kienu jafu li t-test ma setax isir stante li dakinhar fil-VRT station kien hemm attendant wiehed biss u meta qabel it-test irrizulta li l-vettura kellha l-hsara fil-*hose pipe* u ghalhekk se mai kellhom isiru t-tiswijiet mehtiega qabel ma jigi esegwit it-test, izda minkejja dan kollu l-ufficjali ta' l-Awtorità sfurzaw lit-tester jesegwixxi t-test fuq il-vettura; (iv) mhux minnu li kienu jezistu l-irregolaritajiet imsemmija fid-decizjoni ta' l-Awtorità u fi kwalunkwe kaz huwa ma huwiex responsabbli ghalihom; (v) ladarba t-test, li ma setax isir peress li kien hemm attendant wiehed biss, sar fuq insistenza ta' l-ufficjali ta' l-Awtorità, l-istess Awtorità ma tistax illum tikkontendi li kien hemm ksur tal-Ligi; (vi) minghajr pregudizzju ghal dak kollu premess, anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument jissussistu l-irregolaritajiet imsemmija fid-decizjoni ta' l-Awtorità huwa ma huwiex responsabbli ghalihom peress illi t-test tal-VRT kien sar fit-22 ta' Ottubru 2009 u ma jafx x'sar mill-vettura wara li ghaddiet minn dak it-test;

Ra r-Risposta ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta permezz ta' liema topponi ghall-appell ta' Matthew Scicluna u titlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra tieghu, stante li d-decizjoni appellata hija legali, gusta u ghandha tigi kkonfermata;

Ra l-affidavit ta' Charlo Farrugia markat Dok."CF" a fol. 29 tal-process, sema' ix-xhieda ta' Joseph Mifsud[1] u Noel Buhagair[2], entrambe ufficjali ta' l-Awtorità ghat-Trasport f' Malta fiz-zmien mertu ta' dan l-appell, moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Novembru 2011, sema' ix-xhieda ta' Matthew Scicluna moghtija waqt is-seduta tas-6 ta' Marzu

[1] Fol. 35 sa' 37 tal-process.
[2] Fol. 38 u 39 tal-process.

2012[3] u x-xhieda ta' Lino Abela, Technical Manager ma' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta, moghtija waqt is-seduti tal-15 ta' Gunju 2012[4] u ta' l-4 ta' Dicembru 2012[5] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok."LA1" sa' Dok."LA3" a fol. 46 sa' 53 tal-process u Dok."GV1" a fol. 61 tal-process, u ra d-dokumenti esebiti mill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta markati Dok."X" u Dok."Y" a fol. 55 u 56 tal-process;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

B'ittra datata 3 ta' Novembru 2009[6] ir-Rikorrent gie infurmat mill-Awtorità intimata li *please be advised the on the 27th October 2009 the ADT Technical Unit Officers have conducted an inspection on the above mentioned vehcile after your station has conducted a VRT test on the 22nd October 2009. Following the ADT inspection the vehicle was retested at your station on the same day and during the test the following irregularities related to the VRT test were noted. Vehcile was not lifted all the way from rear to have the wheels free to rotate. Inspection light was not functioning when checking vehicle from underneath. No assistant tester. Front brake hoses were not checked on full steering lock. Vehicle emission pass test result on printout did not have the actual reading in respect to the CO value due to excessive smell of unburnt petrol. A retest was made where it resulted that the vehicle failed the emission test which showed a great difference in CO value when compared to the first test. Please be informed that according to Legal Notice 43 of 2008 you are therefore being penalised the total points of 75 (seventy five) that are equivalent to €825. Furthermore, in view of Legal Notice 43 of 2008 your licensed tester Charlo Micallef is bound to be penalised the total points of*

[3] Fol. 42 tal-process.
[4] Fol. 53A sa' 53F tal-process.
[5] Fol. 62 sa' 68 tal-process.
[6] Fol. 5 tal-process.

*70 (seventy) that are equivalent to €770. Please send the cheque of €1,595.*

Ir-Rikorrent hass ruhu aggravat bid-decizjoni ta' l-Awtorità intimata fil-konfront tieghu u fil-25 ta' Novembru 1999 intavola appell minnha quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Trasport, liema appell in segwitu gie trasferit quddiem dan it-Tribunal. B'Nota spjegattiva ipprezentata fl-4 ta' Mejju 2011 ir-Rikorrent spjega fid-dettal l-aggravji fuq liema jibbaza l-appell tieghu mid-decizjoni ta' l-Awtorità intimata, u cioè li: (i) huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur ta' l-Awtorità intimata stante li l-licenza ghall-VRT hija mahruga f'isem Techno Garage Limited u mhux f'ismu personali; (ii) jehtieg issir korrezzjoni f'kunjom it-tester imsemmi fid-decizjoni ta' l-Awtorità stante li dan huwa Charlo Farrugia u mhux Charlo Micallef; (iii) it-test li sar fis-27 ta' Ottubru 2009 sar fuq insistenza kbira mill-ufficjali ta' l-Awtorità u dana meta kienu jafu li t-test ma setax isir stante li dakinhar fil-VRT station kien hemm attendant wiehed biss u meta qabel it-test irrizulta li l-vettura kellha l-hsara fil-*hose pipe* u ghalhekk se mai kellhom isiru t-tiswijiet mehtiega qabel ma jigi esegwit it-test, izda minkejja dan kollu l-ufficjali ta' l-Awtorità sfurzaw lit-tester jesegwixxi t-test fuq il-vettura; (iv) mhux minnu li kienu jezistu l-irregolaritajiet imsemmija fid-decizjoni ta' l-Awtorità u fi kwalunkwe kaz huwa ma huwiex responsabbli ghalihom; (v) ladarba t-test, li ma setax isir peress li kien hemm attendant wiehed biss, sar fuq insistenza ta' l-ufficjali ta' l-Awtorità, l-istess Awtorità ma tistax illum tikkontendi li kien hemm ksur tal-Ligi; (vi) minghajr pregudizzju ghal dak kollu premess, anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument jissussistu l-irregolaritajiet imsemmija fid-decizjoni ta' l-Awtorità huwa ma huwiex responsabbli ghalihom peress illi t-test tal-VRT kien sar fit-22 ta' Ottubru 2009 u ma jafx x'sar mill-vettura wara li ghaddiet minn dak it-test.

L-Awtorità intimata da parte taghha topponi ghall-appell tar-Rikorrenti w issosstni li d-decizjoni taghha hija legali u gusta u b'hekk timmerita li tigi konfermata.

Fil-fehma tat-Tribunal l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi trattata hija dik sollevata mir-Rikorrent fl-ewwel aggravju tieghu, u cioè il-fatt li ma huwiex il-legittimu kontradditur ta' l-Awtorità intimata ghaliex il-licenza ta' l-istazzjon tal-VRT hija f'isem is-socjetà Techno Garage Limited u mhux f'ismu personali.

Ai termini tar-Regola 8(1) tar-Regolamenti dwar Testijiet biex Jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur huwa Tajba ghat-Triq, Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, *applikazzjoni ghal awtorizzazzjoni biex izzomm u topera stazzjon ghat-testijiet tal-vetturi ghandha ssir lill-Awtorità minn: (a) individwu; (b) socjetà; jew (c) kumpannija.* Is-subregolament (2) ta' l-imsemmi Regolament jipprovdi li *kull applikazzjoni ghandha ssir fuq il-formula preskritta, kif specifikat fit-Tielet Skeda, u ghandha tkun iffirmata – (a) meta l-applikazzjoni ssir skond il-paragrafu (a) tas-subregolament (1), mill-individwu li ghamel l-applikazzjoni; u (b) meta l-applikazzjoni ssir skond il-paragrafu (b) jew (c) tas-subregolament (1), minn persuna awtorizzata kif imiss mis-socjetà jew kumpannija.* Fid-dawl ta' dan ir-Regolament jirrizulta evidenti li l-oneru tal-prova li l-licenza ta' l-istazzjon tal-VRT li minnha jopera r-Rikorrent hija f'isem is-socjetà Techno Garage Limited u mhux f'ismu personali jinkombi unikament u esklussivament fuq l-istess Rikorrent. Fil-fehma tat-Tribunal ir-Rikorrent ma rnexxilux jissodisfa l-oneru tal-prova hekk impost fuqu ghaliex ghalkemm fix-xhieda tieghu ddikjara li *jiena direttur tas-socjetà Techno Garage Limited u l-licenzja tal-VRT qeghda fuq din is-socjetà*[7]*,* huwa naqas milli jikkorobora dik id-dikjarazzjoni bi prova adegwata u konkreta u cioè billi jesebixxi fl-atti ta' dawn il-proceduri l-licenza in kwistjoni – li indubbjament tikkostitwixxi l-aqwa tipprova dwar dak affermat minnu. Ghalkemm waqt is-seduta tas-6 ta' Marzu 2012[8] ir-Rikorrent iddikjara li kien se jipprezenta fotokopja tal-licenza tal-VRT, ghal raguni ghal kollox inspjegabbli din il-licenza qatt ma giet esebita minnu. Fic-cirkostanzi ghalhekk u fin-nuqqas ta' prova adegwata u konkreta in sostenn ta' l-ewwel aggravju tar-

---

[7] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-6 ta' Marzu 2012, fol. 42 tal-process.
[8] Fol. 41 tal-process.

Rikorrent, tali aggravju ma jirrizultax gustifikat u b'hekk ma jisthoqqx li jigi milqugh.

Trattata din il-kwistjoni t-Tribunal issa se jittratta l-aggravju li bih ir-Rikorrent jattakka id-decizjoni ta' l-Awtorità intimata fis-sustanza legali u legittima taghha, u cioè l-aggravju espost in parte fil-paragrafu 3 u fil-paragrafu 5 tan-Nota spjegattiva tieghu: *fi kwalunkwe kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-VRT test imsemmi li sar fis-27 ta' Ottubru 2009 kien sar fuq insistenza kbira minn naha ta' l-istess ufficjali ta' l-ADT u dana meta suppost ma sarx peress illi fl-ewwel lok l-VRT station kien ghalaq dakinhar peress li kien hemm biss attendant wiehed ...*[9] u li *fi kwalunkwe kaz il-fatt li kien hemm attendant wiehed ma setax isir it-test kif suppost u ladarba dan it-test gie sfurzat mill-istess ufficjali ta' l-awtorità intimata, wara ma jistghux l-istess ufficjali ta' l-Awtorità intimata jallegaw li kien hemm ksur tal-Ligi*[10].

Mill-provi prodotti jirrizulta li fis-27 ta' Ottubru 2009 saret *random inspection* mill-ufficjali ta' l-Awtorità intimata fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni JAM-118 li ftit tal-granet qabel kien ghadu kif sarilha test tal-VRT fl-istazzjon tal-VRT tar-Rikorrent, liema test gie ccertifikat bhala *passed*. Jidher li l-ufficjali ta' l-Awtorità intimata irriskontraw diversi nuqqasijiet fil-vettura in kwistjoni u ghalhekk riedu li jsir re-test fuqha fl-istazzjon tal-VRT tar-Rikorrent fejn appuntu ftit tal-granet qabel già kien sarilha VRT test, decizjoni din li fiha nfisha hija perfettament legittima w entro l-parametri diskrezzjonali koncessi lill-Awtorità intimata ai termini tal-Ligi. Izda, fil-fehma tat-Tribunal il-legittimità ta' l-ezercizzju diskrezzjonali da parte ta' l-Awtorità intimata fil-kaz in ezami waqaf sa' dan l-istadju ghaliex dak kollu li gara minn x'hin l-ufficjali ta' l-Awtorità intimata waslu fl-istazzjon tal-VRT tar-Rikorrent 'l quddiem zgur ma jistax jitqies bhala ezercizzju diskrezzjonali legittimu u ragjonevoli.

Charlo Farrugia, it-tester fl-istazzjon tal-VRT tar-Rikorrent, iddikjara li fil-hin li waslu l-ufficjali ta' l-Awtorità intimata

[9] Para. 3 tan-Nota spjegattiva tar-Rikorrent, fol. 20 u 21 tal-process.
[10] Para. 5 tan-Nota spjegattiva tar-Rikorrent, fol. 20 u 21 tal-process.

huwa kien qed jagħlaq peress illi dakinhar tas-27 ta' Ottubru 2009 ir-Rikorrent kellu jmur l-Isptar, izda minkejja dan il-fatt u minkejja li kien hu wahdu bhala tester – b'dana ghalhekk li ai termini tar-Regolamenti applikabbli ma setax isir test tal-VRT, lanqas jekk dan huwa re-test rikjest mill-Awtorità – l-ufficjali ta' l-Awtorità intimata insistew mieghu li jsir ir-re-test fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni JAM-118 u ghalhekk huwa spicca biex ghamel dak li qalulu[11]. Fir-rigward Joseph Mifsud, wiehed mill-ufficjali ta' l-Awtorità intimata involuti f'dan il-kaz, iddikjara li *x'hin morna fil-garaxx kien hemm persuna wahda li kien it-tester biss, jiena nghid li ghalina morna within working hours peress li dawn jdumu miftuhin sa' l-erbgha jew sal-hamsa u ahna morna fit-tlieta. Però nikkonferma li t-tester li kien hemm kien avzani li kien ser jaghlaq ghar-raguni li l-persuna li tigi fuqu ma kienx qieghed hemm ghax kien jinsab l-isptar. Bil-ligi biex it-test ikun jiswa irid ikun hemm tester u assistant. Dan ir-rekwizit huwa mehtieg anke meta tkun l-Awtorità stess li tordna li jerga' isir VRT inspection. Peress li ahna kellna bzonn niccekjaw in-nuqqasijiet li kien hemm fil-vettura, ghidna lil din il-persuna li ridna naghmlu test u huwa accetta. M'oggezzjonax ghall-fatt li ma kellux assistant mieghu. Mhux minnu li hu oggezzjona li jaghmel it-test peress li hu kien wahdu, nerga' ntenni li ahna ghednilu li kien hemm bzonn li jerga' jsir dan it-test u hu accetta li jaghmlu. ... Ikun hemm bzonn ta' zewg persuni waqt li jsir it-test ghar-raguni li persuna trid tkun gol-vettura biex thaddem certi aspetti u l-persuna l-ohra fuq barra biex ticcekja. Ghalkemm il-ligi tirrikjedi li t-test isir minn tnejn min-nies, nghid li ladarba t-tester ma' oggezzjonax ahna hallejnih jipprocedi. Inkompli nghid li suppost meta ma jkunx hemm assistant tester il-VRT station tkun maghluqa. F'dan il-kaz il-VRT station kienet miftuha u allura t-test seta' jsir. Ma niftakarx li t-tester in kwistjoni kien qed jaghmel xi testijiet fil-hin li ahna dhalna fil-VRT station*[12]. Noel Buhagiar, l-ufficjal l-iehor ta' l-Awtorità intimata involut f'dan il-kaz, iddikjara li *x'hin waslna hemm* – ossia l-istazzjon tal-VRT tar-Rikorrent – *kien hemm biss it-tester*

[11] Vide affidavit ta' Charlo Farrugia, Dok. "CF" a fol. 29 tal-process.
[12] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Novembru 2011, fol. 35 sa' 37 tal-process.

*li jismu Charlo. X'hin ahna morna hemm ghidna lit-tester li kellna bzonn naghmlu test fuq il-vettura u sa fejn naf jien hu ma qalilna xejn fir-rigward, u t-test beda jaghmlu. Suppost bil-ligi jkun hemm tnejn min-nies li jkunu qed jaghmlu t-test peress li t-tester ikollu bzonn assistant tester mieghu. Ahna gbidnilu l-attenzjoni ghall-fatt li kien qieghed wahdu u hu qalilna li kien qieghed wahdu u li dak il-hin ma kienx qieghed hemm l-assistant tester. Ahna gbidnilu l-attenzjoni ghal dawn il-fatturi madanakollu t-tester m'oggezzjonax li t-test isir u allura iddecidejna li nipprocedu minghajr il-htiega li nipposponu t-test*[13].

It-Tribunal jinsab ferm preokkupat bil-mod kif zvolgew ruhhom l-affarijiet dakinhar tas-27 ta' Ottubru 2009 u b'mod partikolari bl-attitudini *non-chalant* ta' l-ufficjali ta' l-Awtorità intimata u ta' l-istess Awtorità intimata fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni taghhom f'dan il-kaz. Bla dubju ta' xejn ir-re-test li sar fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni JAM-118 dakinhar tas-27 ta' Ottubru 2009, **liema re-test sar fuq struzzjonijiet specifici ta' l-ufficjali ta' l-Awtorità intimata**, ma huwiex konformi mal-Ligi jew ahjar mar-Regolamenti dwar Testijiet biex Jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur huwa Tajba ghat-Triq , Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, u dana kif jirrizulta kkonfermat kemm mill-istess Regolamenti, senjatament mir-Regolament 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, kif ukoll mix-xhieda ta' Joseph Mifsud u ta' Noel Buhagiar. It-Tribunal assolutament ma jistax jifhem kif l-Awtorità intimata tippretendi li Huwa jillegittima decizjoni li hija ibbazata fuq re-test li huwa kjarament in vjolazzjoni tar-Regolamenti applikabbli, partikolarment meta dik il-vjolazzjoni sehhet fuq struzzjonijiet specifici ta' l-istess Awtorità jew ta' l-inqas vjolazzjoni li l-Awtorità ma ghamlet xejn biex twaqqaf milli ssehh anzi bl-agir taghha stess inkorraggiet. It-Tribunal ma jagixxix bhala semplici *rubber stamp* tad-decizjonijiet ta' l-Awtorità intimata jkunu x'jkunu dawn id-decizjonijiet, izda Huwa ghandu l-obbligu u d-dover li jara li l-istess Awtorità tezercita d-diskrezzjoni taghha mhux biss entro l-parametri tal-Ligi izda wkoll

[13] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Novembru 2011, fol. 38 u 39 tal-process.

b'mod ragjonevoli, haga li fil-kaz in ezami kjarament ma sarx.

L-Awtorità intimata, tramite l-ufficjali taghha Joseph Mifsud u Noel Buhagiar, tipprova tixhed ir-responsabilità ghall-esekuzzjoni tar-re-test esklussivament fuq it-tester Charlo Farrugia u dana billi: (i) Joseph Mifsud jikkontendi li Farrugia bl-ebda mod ma oggezzjona li jsir ir-re-test ghalkemm kien wahdu u ma kellux assistant tester mieghu; u (ii) Noel Buhagiar jikkontendi li huma gibdu l-attenzjoni ta' Farrugia ghall-fatt li kien wahdu u l-implikazzjonijiet dwar l-istess izda huwa, ossia Farrugia, xorta ghazel li jipprocedi bir-re-test. It-Tribunal ma huwiex affattu konvint minn dak affermat kemm minn Joseph Mifsud kif ukoll minn Noel Buhagiar u huwa iktar inklinat li jemmen lil Charlo Farrugia u cioè li huwa oggezzjona ghall-fatt li jsir ir-re-test peress li kien qieghed wahdu izda ciò nonostante l-ufficjali ta' l-Awtorità insistew mieghu li dan ir-re-test isir u ghalhekk huwa spicca biex ghamel dan ir-re-test. It-Tribunal iktar jemmen il-verzjoni tal-fatti kif dikjarat minn Farrugia milli l-verzjoni moghtija minn Mifsud u Buhagiar ghar-raguni li fir-rapport taghhom dwar dan il-kaz Joseph Mifsud u Noel Buhagiar ma jsemmu xejn dwar l-allegat fatt li Charlo Farrugia gie imwissi dwar il-fatt li kien qieghed wahdu u li dan volontarjament ghazel li jipprocedi bir-re-test, zewg elementi dawn li zgur huma ta' rilevanza notevoli fir-rapport in kwistjoni, izda semplicement jirrapportaw illi *when we got to the station we found tester Mr. Charlo Farrugia (ID 0123278M) by himself and he said that he was closing down as owner/operator had to go to hospital. He was instructed to retest the vehicle*[14] *and eventually the vehicle failed from the above-mentioned items (copy of test printout attached).*

Fil-fehma tat-Tribunal il-mod kif agixxiet l-Awtorità intimata f'dan il-kaz, u cioè li tramite l-ufficjali taghha ordnat li jsir re-test li kienet taf li jmur kontra dak provdut fir-Regolamenti applikabbli w imbaghad tohrog decizjoni a bazi ta' dak li rrizulta minn re-test kuntrarju ghall-

[14] Sottolinear tat-Tribunal.

Ligi/Regolamenti u bi più tippenalizza lill-operatur ta' l-istazzjon tal-VRT ghal dan il-fatt, huwa l-kaz klassiku ta' Awtorità pubblika li terzercita d-diskrezzjoni taghha kif jidhrilha hi *because it is minded to do so* u mhux b'mod ragjonevoli kif invece ghandha l-obbligu li taghmel. Kif osservat minn H.W.R. Wade u C.F. Forsyth fil-ktieb **Administrative Law** ***a person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must, by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably***[15].

Il-fatt li r-Rikorrent seta' ma avzax lill-Awtorità li dakinhar tas-27 ta' Ottubru 2009 ma kienx hemm assistant tester fl-istazzjon tal-VRT tieghu u l-fatt li seta' kien hemm nuqqasijiet jew irregolaritajiet fil-VRT test esegwit fit-22 ta' Ottubru 2009, bl-ebda mod ma jista' jissana l-agir ta' l-Awtorità intimata u dana ghar-raguni primarja li kif inghad l-Awtorità intimata ghandha tezercita d-diskrezzjoni taghha mhux kif jidhrilha hi izda b'mod ragjonevoli u ghar-raguni ulterjuri li fi kwalunkwe kaz dawn l-osservazzjonijiet partikolari li rrizultaw mix-xhieda ta' Joseph Mifsud[16] u ta' Lino Abela[17] ma jiffigurawx fid-decizjoni kontestata.

Ladarba l-element ta' rajonevolezza huwa ghal kollox nieqes kemm fl-agir kif ukoll fil-konsegwenti decizjoni ta' l-Awtorità intimata fil-konfront tar-Rikorrent, id-decizjoni ta' l-Awtorità intimata komunikata lir-Rikorrent b'ittra datata 3 ta' Novembru 2009 ma tistax titqies bhala legali u gusta u wisq inqas tista' tigi kkonfermata.

---

15 Administrative Law, 10th Edition, pg. 295. Enfasi tat-Tribunal.
16 Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Novembru 2011, fol. 35 sa' 37 tal-process.
17 Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Gunju 2012 a fol. 53A sa' 53F tal-process u xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Dicembru 2012 a fol. 62 sa' 68 tal-process.

Raggunta din il-konkluzjoni t-Tribunal ma jqisx li ghandu ghalfejn jidhol fi u jittratta l-aggravji l-ohra sollevati mir-Rikorrent.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kaz billi jilqa' l-appell tar-Rikorrent mid-decizjoni ta' l-Awtorità intimata komunikata lilu b'ittra datata 3 ta' Novembru 2009, u dana stante li l-agir ta' l-Awtorità kif ukoll il-konsegwenti decizjoni taghha fil-konfront tar-Rikorrent huma nieqsa mir-ragjonevolezza, u konsegwentement ihassar u jirrevoka l-imsemmija decizjoni ta' l-Awtorità intimata.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-Awtorità intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------